

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sø- og Handelsretten – id-Danmark A/S vs Konkurrenserådet**

(Kawża C-23/14)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 82 KE — Abbuż minn pożizzjoni dominanti — Suq għad-distribuzzjoni tal-posta fi kwantità kbira — Reklamar dirett bil-posta — Sistema ta' tnaqqis retroattiv — Effett ta' esklużjoni — Kriterju tal-kompetititur daqstant effettiv — Livell ta' probabbiltà u natura serja ta' effett antikompetittiv)

(2015/C 389/04)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

### **Qorti tar-rinviju**

Sø- og Handelsretten

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Post Danmark A/S

Konvenuta: Konkurrenserådet

### **Dispożittiv**

- 1) Sabiex jiġi stabbilit jekk sistema ta' tnaqqis, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, implementata minn impriżza f'pożizzjoni dominanti jistax jkollha effett ta' esklużjoni fis-suq, bi ksur tal-Artikolu 82 KE, għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi kollha f'dan il-każ, b'mod partikolari l-kriterji u r-regoli dwar l-għoti tat-tnaqqis, l-estensjoni tal-pożizzjoni dominanti tal-impriżza kkonċernata u l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-kompetizzjoni fis-suq rilevanti. Il-ċirkustanza li l-imsemmija sistema ta' tnaqqis tkopri l-parti l-kbira tal-klijentela fis-suq tista' tikkostitwixxi indizju utli dwar l-importanza ta' din il-pratti u dwar l-impatt tagħha fis-suq, u b'hekk issaħħa, b'kull probabbiltà, l-effett ta' esklużjoni antikompetittiv.
- 2) L-applikazzjoni tal-kriterju tal-“kompetititur daqstant effettiv” ma tikkostitwixx kundizzjoni indispensabbi sabiex tiġi kkonstatata n-natura abbużiva ta' sistema ta' tnaqqis, fid-dawl tal-Artikolu 82 KE. F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-“kompetititur daqstant effettiv” hija rrilevanti.
- 3) L-Artikolu 82 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu, l-effett antikompetittiv ta' sistema ta' tnaqqis użata minn impriżza f'pożizzjoni dominanti, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jkun probabbli, mingħajr ma jkun meħtieġ li jintwera li huwa ta' natura gravi jew notevoli.

<sup>(1)</sup> ĠU C 78, 15.3.2014.